# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 21 ta' Jannar 2021**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 563/2018 JVC**

**Carmel Galea; u James u Marica konjugi Azzopardi**

**vs**

**Dr Benjamin Valenzia u l-PL Nadine Farrugia li b'digriet tas-26 ta' Gunju 2018 gew appuntati Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Andrew Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Carmel Galea et ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. **'Dikjarazzjoni dwar l-Oggett u l-Fatti tal-Kawza**

1.1.Illi l-esponent rikorrenti huma komproprjetarji flimkien mal-intimat tad-dar bin-numru ufficjali mija u erbgha (104), jisimha 'Saint Joseph', gia bin-numru tliet mija tmienja u tletin (338), qabel kellha n-numru hamsa u tmenin (85), gia bin-numru mija tnejn u sebghin (172) u originarjament bin-numru erbgha u disghin (94) fi Triq id-Duluri (Our Lady of Sorrows Street), drabi ohra maghrufa wkoll bhala Triq il-Madonna tad-Duluri, gia Strada Dolori, gewwa l-Hamrun, liema dar hija in parti sovrapposta ghal beni ta' terzi li jinsab fil-pjan terran, altrimenti bid-drittijiet, giustijiet u l-pertinenzi kollha taghha, bl-arja libera taghha u bis-sottosuol relattiv;

1.2.Illi l-esponenti ghandhom bejniethom sehem indiviz ta' tnejn u tletin minn tlieta u tletin (32/33) mill-fond in kwistjoni, b'dan li l-esponent Carmel Galea ghandu sittax-il sehem indiviz minn tlieta u tletin (16/33) filwaqt li l-esponenti James u Marica konjugi Azzopardi ghandhom flimkien sittax-il sehem indiviz minn tlieta u tletin (16/33);

1.3.Illi l-esponenti akkwistaw tali sehem indiviz ta' tnejn u tletin minn tlieta u tletin (32/33) permezz ta' kuntratt t'akkwist ippubblikat in atti tan-Nutar Dr Jonathan Zammit nhar it-tmintax (18) t'April tas-sena

elfejn u tmintax (2018) (hawn anness u mmarkat bhala **Dok A**);

1.4.Illi l-intimat ghandu sehem indiviz wiehed (1) minn tlieta u tletin (1/33) mill-imsemmi fond;

2. **Raguni ghat-Talbiet f'dawn il-Proceduri**

2.1.Illi l-esponenti ma jridux jibqghu izjed in komunjoni mal-intimat tad-dar bin-numru ufficjali mija u erbgha (104), jisimha 'Saint Joseph', gia bin-numru tliet mija tmienja u tletin (338), qabel kellha n-numru hamsa u tmenin (85), gia bin-numru mija tnejn u sebghin (172) u originarjament bin-numru erbgha u disghin (94) fi Triq id-Duluri (Our Lady of Sorrows Street), drabi ohra maghrufa wkoll bhala Triq il-Madonna tad-Duluri, gia Strada Dolori, gewwa l-Hamrun;

2.2.Illi d-dar bin-numru ufficjali mija u erbgha (104), jisimha 'Saint Joseph', gia bin-numru tliet mija tmienja u tletin (338), qabel kellha n-numru hamsa u tmenin (85), gia bin-numru mija tnejn u sebghin (172) u originarjament bin-numru erbgha u disghin (94) fi Triq id-Duluri (Our Lady of Sorrows Street), drabi ohra maghrufa wkoll bhala Triq il-Madonna tad-Duluri, gia Strada Dolori, gewwa l-Hamrun, mhijiex komodament divizibbli skond il-proprorzjon tal-ishma li ghandhom il-partijiet f'din il-kawza, u cioe' sehem indiviz ta' tnejn u tletin minn tlieta u tletin (32/33) l-atturi u

sehem indiviz wiehed minn tlieta u tletin (1/33) l-konvenut;

2.3.Illi l-esponenti m'ghandhomx gharfien dwar fejn jista' jinsab l-intimat, b'dan li huwa jafu biss li huwa assenti minn Malta;

2.4.Illi ghalhekk l-esponenti kellhom jistitwixxu dawn il-proceduri sabiex jipprevalixxu ruhhom mid-drittijiet naxxenti mill-Artikolu 496 *et seq*, tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan sabiex jitolbu d-divizjoni tal-fond imsemmi permezz tal-procedura tal-assenjazzjoni u l-ekwiparazzjoni;

2.5.Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li jafu b'dawn il-fatti personalment;

**3. Talbiet**

Jghid ghalhekk l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

i. Tiddikjara illi r-rikorrenti huma proprjetarji ta' sehem indiviz ta' tnejn u tletin minn tlieta u tletin (32/33) mid-dar bin-numru ufficjali mija u erbgha (104), jisimha 'Saint Joseph', gia bin-numru tliet mija tmienja u tletin (338), qabel kellha n-numru hamsa u tmenin (85), gia bin-numru mija tnejn u sebghin (172) u originarjament bin-numru erbgha u disghin (94) fi Triq id-Duluri (Our Lady of Sorrows Street), drabi ohra maghrufa wkoll bhala Triq

il-Madonna tad-Duluri, gia Strada Dolori, gewwa l-Hamrun, b'dan li l-esponent Carmel Galea ghandu sehem ta' sittax il-sehem minn tlieta u tletin (16/33) filwaqt li l-esponenti James u Marica konjugi Azzopardi ghandhom flimkien sehem ta' sittax il-sehem minn tlieta u tletin (16/33), filwaqt illi l-intimat huwa proprjetarju ta' sehem indiviz ta' wiehed minn tieta u tletin (1/33) mill-imsemmi fond;

ii. Tiddikjara illi r-rikorrenti ghandhom id-dritt li ma jibqghux in komproprjeta' mal-intimat tal-fond in kwistjoni;

iii. Tiddikjara illi l-fond inkwistjoni mhuwiex komodament divizibbli bejn il-partijiet fil-kwoti rispettivi taghhom, u dan okkorrendo bin-nomina ta' *periti nominandi*;

iv. Tordna li l-istess proprjeta fuq indikata tigi diviza billi s-sehem indiviz ta' wiehed minn tieta u tletin (1/33) mill-imsemmi fond appartjenenti lill-intimat jigi assenjat lir-rikorrenti salv id-dritt tal-ekwiparazzjoni;

v. Alternattivament, f'kaz illi ma tigix milqugha r-raba' talba, tordna li l-imsemmi fond fuq indikat, appartenenti lill-kontendenti indivizament bejniethom, jinbiegh b'licitazzjoni; u

vi. Tordna li r-rikavat mill-bejgh tal-istess proprjeta, dedotti l-ispejjez, jigi diviz bejn il-kontendenti skond il-kwoti rispettivi taghhom, kif hawn fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati Dr. Benjamin Valenzia et noe li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi l-kuraturi deputati mhumiex edotti mill-fatti.

2. L-istess kuraturi jitolbu illi jinghataw l-ahhar dettalji maghrufa li bihom jistghu jikkuntatjaw l-assenti.

3. Salv eccezzjonijiet ohra permessi skont il-ligi, specjalment fil-kaz ta' kuraturi deputati li mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz.'.

Rat l-affidavits, kuntratt, rapport ex-parte, dokumenti u l-provi kollha mressqa fl-atti;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru, 2018 Dr Timothy Bartolo ghall-atturi talab lil Qorti kif diversament preseduta sabiex taccetta bhala valur reali l-prezz ta' €155,151.50c ghas-sehem ta' 32/33 mill-fond mertu tal-kawza odjerna, u rat illi Dr Benjamin Valencia fl-istess seduta vverbalizza li jaqbel mal-valur moghti in vista tal-fatt li tali ammont gie stabbilit fis-sena elfejn u tmintax (2018) stess;

Rat ukoll li fis-seduta tal-11 ta' Dicembru, 2018 Dr Timothy Bartolo talab li stante li s-sehem spettanti lil intimat huwa dak ta' 1/33 il-fond mhux komodament divizibbli u li l-istess sehem jigi assenjat lir-rikorrenti versu ekwiparazzjoni ghal dak is-sehem skont il-valur miftiehem seduta stante, u rat li Dr Benjamin Valencia fis-seduta tal-5 ta' Frar, 2019 irrimetta ruhu ghat-talba kif maghmula;

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2019 il-Qorti kif diversament preseduta ghamlet referenza ghall-verbal tal-5 ta' Frar, 2019 fejn il-kuratur irrimetta ruhhu ghat-talba attrici fis-seduta precedenti sabiex issir assenjazzjoni tas-sehem tal-intimat versu ekwiparazzjoni. Il-Qorti hekk kif diversament preseduta dderigiet lir-rikorrenti sabiex jipproducu certifikat ex-parte ta' perit tekniku biex jikkonforta din it-talba;

Rat ir-rapport ex-parte tal-atturi a fol. 110 *et seq* tal-process li gie esebit permezz ta' nota nhar il-21 ta' Jannar, 2020 fejn permezz tieghu l-Perit Dr Robert Musumeci kkonkluda li l-fond mertu tal-kawza odjerna mhux komodament divizibbli;

Rat illi r-rapport ex-parte ta' Dr Robert Musumeci gie mahluf fit-30 ta' Settembru, 2020;

Rat illi fil-verbal datat 30 ta' Settembru, 2020 il-partijiet gew awtorizzati jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom u l-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**<u>Fatti fil-Qosor:</u>**

Illi l-atturi huma komproprjetarji flimkien mal-intimat Andrew Mifsud tad-dar bin-numru ufficjali mija u erbgha (104), Saint

Joseph, gja bin-numru tlett mija tmienja u tletin (338), qabel bin-numru hamsa u tmenin (85), gja bin-numru mija tnejn u sebghin (172) u originarjament bin-numru erbgha u disghin (94) fi Triq id-Duluri (Our Lady of Sorrows Street) drabi ohra maghrufa bhala Triq il-Madonna tad-Duluri gja Strada Dolori, Hamrun, Malta. L-atturi Carmel Galea u James u martu Marica konjugi Azzopardi akkwistaw tnejn u tletin minn tlieta u tletin (32/33) sehem indiviz mid-dar imsemmija, permezz ta' kuntratt ta' akkwist datat 18 ta' April, 2018 fl-atti tan-Nutar Jonathan Zammit (ara kuntratt a fol. 7 *et seq* tal-process). Ir-rimanenti kwota ta' wiehed minn tlieta u tletin (1/33) tappartjeni lill-intimat Andrew Mifsud pero' stante li din il-persuna ma setghetx tinstab gewwa Malta, l-atturi ma setghux jixtru s-sehem tieghu b'dan li kellhom jipprocedu bil-kawza odjerna u dan peress li ma jridux jibqghu izjed in komunjoni mal-intimat. L-atturi talbu fost affarijiet ohra li jigi dikjarat li l-proprjeta' m'hijiex komodament divizibbli bejn il-partijiet, u tordna li tigi diviza billi s-sehem indiviz ta' wiehed minn tlieta u tletin (1/33) mill-imsemmi fond appartenenti lill-intimat Andrew Mifsud jigi assenjat lill-atturi salv id-dritt tal-ekwiparazzjoni. Alternattivament, l-fond jinbiegh b'licitazzjoni u r-rikavat mill-bejgh tal-istess proprjeta' jigi diviz bejn il-kontendenti skont il-kwoti rispettivi tal-partijiet.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Fattwali u Legali:</u>**

Illi jirrizulta li l-atturi Carmel Galea u James u martu Marica Azzopardi akkwistaw is-sehem ta' tnejn u tletin minn tlieta u tletin (32/33) sehem indiviz mill-fond bin-numru ufficjali mija u erbgha (104), Saint Joseph, gja bin-numru tlett mija tmienja u tletin (338), qabel bin-numru hamsa u tmenin (85), gja bin-numru mija tnejn u sebghin (172) u originarjament bin-numru erbgha u

disghin (94) fi Triq id-Duluri (Our Lady of Sorrows Street) drabi ohra maghrufa bhala Triq il-Madonna tad-Duluri gja Strada Dolori, Hamrun, Malta permezz ta' kuntratt tat-18 ta' April, 2018 fl-atti tan-Nutar Jonathan Zammit (ara kuntratt a fol. 7 *et seq* tal-process).

Mill-provi ghalhekk gie kkonfermat li l-atturi huma l-proprjetarji tal-maggoranza tal-kwoti tal-fond mertu tal-kawza odjerna ghajr kwota wahda, mentri l-intimat Andrew Mifsud huwa l-proprjetarju tal-kwota ta' wiehed minn tlieta u tletin (1/33) sehem indiviz mill-fond.

Illi l-atturi fit-tielet talba taghhom talbu li jigi dikjarat li l-fond in kwistjoni mhux komodament divizibbli bejn il-partijiet. Da parte tal-kuraturi deputati Dr Benjamin Valenzia u l-P.L. Nadine Farrugia eccepew li m'humiex edotti mill-fatti. Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru, 2018 Dr Timothy Bartolo talab sabiex is-sehem spettanti lill-intimat li huwa dak ta' wiehed minn tlieta u tletin (1/33) jigi assenjat lill-atturi versu ekwiparazzjoni ghal dak is-sehem u skont il-valur miftiehem seduta stante (ara verbal a fol. 99 tal-process). Il-Kuratur deputat Dr Benjamin Valenzia fis-seduta tal-5 ta' Frar, 2019 irrimetta ruhu ghat-talba kif maghmula (ara verbal a fol. 100 tal-process). Ghalhekk il-Qorti kif diversament preseduta, in vista tat-talba u r-risposta tal-Kuratur deputat fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2019, idderigiet lill-atturi sabiex jipproducu certifikat ex-parte ta' perit tekniku biex jikkonforta t-talba (ara verbal a fol. 102 tal-process).

Jirrizulta li permezz ta' nota ntavolata nhar il-21 ta' Jannar, 2020 l-atturi pprezentaw rapport ex-parte redatt mill-Perit Dr Robert Musumeci li flimkien mieghu giet annessa pjanta tal-fond. Ir-

rapport gie mahluf mill-Perit Dr Robert Musumeci nhar it-30 ta' Settembru, 2020 fejn ikkonkluda li l-fond m'huwiex komodament divizibbli (ara rapport a fol. 110 tal-process). Hekk irrelata l-Perit illi:

> '...2. Illi prezentement dal-fond jikkonsisiti minn kostruzzjoni ta' zewg sulati accessibbli minn Triq id-Duluri gol-Hamrun u dan kif muri fil-pjanta annessa markata bhala Dokument RM1.
>
> 3. Illi wara li ha kont tal-konfigurazzjoni tal-fond, l-esponenti huwa tal-fehma illi ma jezistix ebda ebda mod possibbli u prattikabbli kif divizjoni fizika ta' l-istess fond tista' ssir bejn aktar minn zewg kondividenti.'

Illi dwar il-valur tal-fond in kwistjoni, Dr Timothy Bartolo fis-seduta tal-11 ta' Dicembru, 2018 talab li l-Qorti taccetta l-valur ta' €155,151.50 bhala wiehed reali ghal finijiet tal-kawza odjerna ghas-sehem ta' tnejn u tletin minn tlieta u tletin (32/33) mill-fond mertu tal-kawza odjerna, liema prezz jemani mill-kuntratt ta' akkwist tat-18 ta' April, 2018. L-intimat Kuratur Dr Benjamin Valenzia vverbalizza li jaqbel mal-valur moghti in vista tal-fatt li tali ammont gie stabbilit fis-sena 2018 stess. Jigi nnutat li l-ammont ta' €155,151.50 huwa ghas-sehem ta' tnejn u tletin minn tlieta u tletin (32/33) sehem indiviz ghalhekk il-valur li ghandu jigi attribwit lill-fond fl-intier tieghu huwa dak ta' €159,999.98. Ghalhekk jirrizulta li hemm qbil fuq il-valur tal-fond in kwistjoni ghas-somma ta' €159,999.98.

Illi l-atturi fil-premessa mmarkata bhala 2.4 iddikjaraw li huma istitwew il-proceduri odjerni sabiex jipprevalixxu ruhhom mid-

drittijiet naxxenti mill-Artikolu 496 *et seq* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan billi ssir id-divizjoni tal-fond in kwistjoni u permezz tal-assenjazzjoni u l-ekwiparazzjoni.

Sussegwentament fit-talbiet l-atturi talbu zewg rimedji u cioe':

i. li l-Qorti tordna li l-fond mertu tal-kawza odjerna jigi diviz billi s-sehem ta' wiehed minn tlieta u tletin (1/33) appartenenti lill-intimat jigi assenjat lill-atturi u jkun hemm l-ekwiparazzjoni necessarja; jew alternattivament,

ii. li l-Qorti tordna li l-fond in kwistjoni jinbiegh b'licitazzjoni u r-rikavat mill-bejgh wara li jigu dedotti l-ispejjez jigi diviz bejn il-kontendenti kollha skont il-kwoti rispettivi tal-partijiet.

Illi l-Artikolu 496 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jitratta dwar it-talba ghal qasma tal-haga mizmuma in komun ighid illi:

> '**496.** (1) Ħadd ma' jista' jkun imġiegħel jibqa' fil-komunjoni, kull wieħed mill-komproprjetarji jista' dejjem, għad li jkun hemm ftehim xort'oħra, jitlob il-qasma, kemm-il darba ma jkunx hemm b'testment li din il-qasma m'għandhiex issir jew li għandha tinżamm sospiża skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 906.
>
> (2) Iżda, jiswa l-ftehim li l-komunjoni tibqa' għal żmien determinat, li ma jkunx jaqbeż il-ħames snin; u kull ftehim għal żmien itwal hu null għal dak iż-żmien li jkun jaqbeż il-ħames snin.

(3) Dan il-ftehim jista' jiġġedded.'

Illi kif gja riportat aktar il' quddiem, minn dak redatt mill-Perit Dr Robert Musumeci, li gie ngaggat ex-parte mill-atturi, l-fond in kwistjoni m'huwiex wiehed komodament divizibbli. Madanakollu din il-Qorti taghmel referenza ghal Artikolu 500 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jirrileva li jekk il-komproprjetarji kollha jkunu prezenti u kapaci skont il-ligi, il-qasma tista' ssir b'kull mod u ghamla li huma jidrilhom l-ahjar. Hekk jaqra:

> '500. (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikoluqabel dan, jekk il-komproprjetarji kollha jkunu preżenti u kapaċi skont il-liġi li jittrasferixxu proprjetà, il-qasma tista' ssir b'kull mod u għamla li huma jidhrilhom l-aħjar.
>
> (2) Fin-nuqqas ta' ftehim xort'oħra, għandhom jiġu mħarsa r-regoli li ġejjin, sew fil-qasma tal-proprjetà kollha kemm f'xisuddiviżjoni, meta din tkun meħtieġa.'

Illi din il-Qorti tinnota li fil-kaz odjern l-intimat m'huwiex prezenti, madanakollu l-interessi tieghu qed jigu salvagwardjati minn Kuraturi deputati nominati skont il-ligi.

Illi kkunsidrat li l-atturi ghandhom il-kwota ta' tnejn u tletin minn tlieta u tletin (32/33) sehem indiviz, filwaqt li l-intimat Andrew Mifsud ghandu biss l-kwota ta' wiehed minn tlieta u tletin (1/33), din il-Qorti tqis li jkun ta' pregudizzju ghall-partijiet kollha jekk il-fond jinbiegh bil-licitazzjoni, partikolarment ta' pregudizzju kbir ghall-intimat Andrew Mifsud in vista li l-istess licitazzjoni tibda bi

prezz ferm aktar baxx mill-valur miftiehem. Il-Qorti tirrileva li fl-eventwalita' li ma jkunx hemm oblaturi estranei li jitfghu l-offerta, sehem l-intimat zgur li jkun anqas mill-ammont ta' ekwiparazzjoni kalkolata skont il-valur maqbul.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak kollu suespost din il-Qorti tqis li huwa fl-ahjar interess tal-partijiet li l-kwota tal-intimat Andrew Mifsud tigi assenjata lill-atturi Carmel Galea u James u Marica konjugi Azzopardi ugwalment bejniethom bid-dritt ta' ekwiparazzjoni pagabbli lill-intimat Andrew Mifsud b'dan li l-ekwiparazzjoni dovuti lill-intimat hija fis-somma ta' erbat elef tmien mija u tmienja u erbghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€4,848.48) kif appuntu ndikata fis-sottomissjonijiet u kif mahduma fuq il-valur miftiehem bejn il-partijiet.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti tghaddi sabiex:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi r-rikorrenti huma proprjetarji ta' sehem indiviz ta' tnejn u tletin minn tlieta u tletin (32/33) mid-dar bin-numru ufficjali mija u erbgha (104), b' isem ta' 'Saint Joseph', gia bin-numru tliet mija tmienja u tletin (338), qabel kellha n-numru hamsa u tmenin (85), gia bin-numru mija tnejn u sebghin (172) u originarjament bin-numru erbgha u disghin (94) fi Triq id-Duluri (Our Lady of Sorrows Street), drabi ohra maghrufa wkoll bhala Triq il-Madonna tad-Duluri, gia Strada Dolori, gewwa l-Hamrun, b'dan li l-esponent Carmel Galea ghandu

sehem ta' sittax-il sehem minn tlieta u tletin (16/33) filwaqt li l-esponenti James u Marica konjugi Azzopardi ghandhom flimkien sehem ta' sittax-il sehem minn tlieta u tletin (16/33), filwaqt illi l-intimat huwa proprjetarju ta' sehem indiviz ta' wiehed minn tlieta u tletin (1/33) mill-imsemmi fond;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi r-rikorrenti ghandhom id-dritt li ma jibqghux in komproprjeta' mal-intimat tal-fond in kwistjoni;

3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara illi l-fond in kwistjoni mhuwiex komodament divizibbli bejn il-partijiet fil-kwoti rispettivi taghhom;

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna li l-istess proprjeta' fuq indikata tigi diviza billi s-sehem indiviz ta' wiehed minn tlieta u tletin (1/33) mill-imsemmi fond appartenenti lill-intimat Andrew Mifsud jigi assenjat ugwalment bejn ir-rikorrent Galea fuq naha u r-rikorrenti konjugi Azzopardi b'dan li l-intimat ghandu jithallas is-somma ta' erbat elef tmien mija u tmienja u erbghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€4,848.48) in linea ta' ekwiparazzjoni mir-rikorrenti fl-istess kwoti u ghal dan il-ghan qed tinnomina lin-Nutar Jonathan Zammit sabiex jippubblika l-att relattiv fi zmien xahrejn mil-lum u tithallas l-ekwiparazzjoni kif ordnata fil-presenza wkoll tal-Kuraturi Deputati gia nominati sabiex jidhru fuq l-att in rapprezentanza tal-intimat;

5. Stante li l-hames u s-sitt talbiet huma alternattivi ghar-raba' talba l-Qorti tiddikjarahom sorvolati.

Bl-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-partijiet fil-kwoti rispettivi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**21 ta' Jannar, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Jannar, 2021**